**QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**(MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**-Vs-**
**KEITH GRAVINA**

**Illum, 23 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **KEITH GRAVINA** iben John Josephine nee' Sultana imwieled il-Pieta' nhar it-3 ta' Novembru 1981 u residenti gewwa Ent 5, F16, Binja F. Sciberras Triq Vilhena, Floriana u detentur tal-karta tal-identita' numru 605681M, li tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-13 ta' Awwissu 2019 u matul il-granet, gimghat u x-xhur qabel din id-data gewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-Gżejjer:-

1. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. li permezz tiegħu

ngħata l-ħelsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma kuljum ġewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta bejn it-tmienja ta' filghodu s-sitta ta' filgħaxija (08:00hrs-18.00hrs) u dan bi ksur tal-artiklu 579 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta'l-imsemmi Keith Gravina, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħamest elef ewro (€3000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra l-akkużi;

Semgħet lill-imputat iwieġeb li mhux ħati;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Awwissu 2019 fejn a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, irriferiet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, is-segwenti kwistjoni, sabiex tistabbilixxi:-

1. *Jekk l-applikazzjoni legali tassattiva tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali kwantu ghall-piena prevista ghall-ksur tal-kundizzjoni partikolari li jinsab mixli bih l-imputat, iwassalx jew x'aktarx tista' twassal ghal rizultat sproporzjonat bi ksur tad-dritt tal-imputat taht l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni; u*

2. *Jekk id-diskrezzjoni mhollija lill-prosekuzzjoni li taghzel hi minghajr referenza ghal ebda kriterji stabbiliti, jekk tressaqx lill-imputat (a) taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali f'liema kaz il-qorti, skont il-gravita` tal-kundizzjoni li gietx imharsa, tista' taghzel li ma tapplika ebda konsegwenza jew*

*li tiggradwa s-serjeta` tal-ksur u timmitiga l-konsegwenzi tieghu, jew (b) bir-reat taht is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu bil-pieni tassattivi applikabbli indiskriminatament f'kull kaz ta' ksur, kif effettivament ghamlet fil-kaz odjern, liema zewg dispozizzjonijiet johloqu parametri differenti tal-pieni, hijiex leziva jew tistax twassal ghal ksur, tad-dritt tal-imputat sancit fl-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni.*

Rat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dwar ir-Referenza Kostituzzjonali Numru 154/2019 fl-ismijiet fuq premessi, mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2021, fejn iddikjarat illi fil-konfront tal-imputat odjern, Keith Gravina:-

1. *L-applikazzjoni legali tassattiva tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 579(2) kif kien fis-seħħ dakinnhar li saret din ir-referenza kostituzzjonali għall-ksur tal-kundizzjoni partikolari li jinsab mixli bih l-imputat, x'aktarx tista' twassal għal riżultat sproporzjonat bi ksur tad-dritt tal-imputat taħt l-artikou 34(1) tal-Kostituzzjona u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;*
2. *F'dan l-istadju ma jistax jingħad jekk l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 579(2) kif emendat permezz tal-Att XXIX tal-2021 fil-konfront tal-imputat huwiex ser jilledi d-dritt fondamentali tiegħu kif protett permezz tal-artikoli 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;*
3. *F'dan l-istadju u ċioe' peress illi għadu mhux magħruf jekk l-imputat hux ser jinstab ħati tal-akkuża miġjuba kontrih, ma jistax jiġi deterinat jekk huwiex ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu kif protett peremzz tal-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni.*

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli li kkommetta r-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li naqas milli jħares waħda mill-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti diversament preseduta fid-digriet li bih tatu l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fis-16 ta' Mejju 2019, senjatament il-kundizzjoni li jiffirma kuljum fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta bejn it-8.00 a.m. u s-6.00 p.m.

Fiż-żmien meta l-imputat pie mixli li kkommetta dan ir-reat, l-imsemmi Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 kien jaqra hekk:-

"*Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, metatinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija* ***għandu*** *jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta".* (emfasi tal-Qorti)

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha mogħtija bħal tweġiba għall-kweżit li ġie riferut lilha minn din il-Qorti, riteniet hekk:- "*Evidentament, li kieku l-Qorti referenti kellha tapplika fil-każ tal-lum l-artikolu 579(2) kif kien jaqra qabel l-emendi, fejn jidher illi l-imputat naqas milli jmur jiffirma l-għassa għal numru ta' ġranet, b'applikazzjoni tal-artikolu 585 u 586 tal-Kap. 9, dan seta' jwassal għall-riżultat sproprorzjonat bi ksur tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni.*"

Illum, meta l-Qorti waslet biex tiddeċiedi dwar l-akkuża miġjuba kontra l-imputat u tippronunzja s-sentenza tagħha, daħlu fis-seħħ l-emendi li saru lill-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 b'effett tal-Att XXIX tal-2021, bil-konsegwenza li dan l-Artikolu sar jaqra hekk:-

*(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, metatinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħtgaranzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

Bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 tal-Kap. 9 - li jipprovdu li *jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunx xorta waħda, għanda tingħata l-piena l-anqas gravi* – u bl-applikazzjoni tal-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru 2021 fuq ir-referenza kostituzzjonali lilha magħmula, mhemmx dubju li għandha tiġi applikata l-liġi kif tinsab fis-seħħ illum. Dan ifisser li l-Qorti għandha s-setgħa diskrezzjonali li tordna l-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija f'parti minnu biss, naturalment – għalkemm dan ma jingħadx espressament mil-leġislatur – skont il-gravita' tal-ksur tal-kundizzjoni partikolari. Jiġi osservat li minkejja l-emenda fil-liġi, il-Qorti ma għandhiex diskrezzjoni li ma tordna l-ebda konfiska kwalsiasi tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Issa fil-każ li għadha quddiemha l-Qorti llum, l-imputat ġie mixli u qed jinstab ħati ta' ksur tal-kundizzjoni li ġiet imposta fuqu fid-digriet li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, li jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-6.00 p.m.

Mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni f'din il-kawża, senjatament ix-xhieda tal-Ispettur Jeffrey Scicluna[1] u l-*bail book* tal-imputat (Dok. JS1), kif ukoll il-*Message Read Reports*[2], jirriżulta illi wara li nħeles mill-arrest permezz tad-digriet tas-16 ta' Mejju 2019, l-imputat naqas milli jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija skont kif kien obbligat li

---

[1] Xhieda tal-15 ta' Awwissu 2019.

[2] Dok. JS5, komplessivament.

jagħmel skont l-imsemmi digriet, fis-segwenti ġranet: 21.7.2019, 26.7.2019, 31.7.2019, 5.8.2019, 7.8.2019 u t-13.8.2019[3]. Il-Qorti tosserva li mill-istess *bail book*, jirriżulta wkoll li l-imputat – għad illi kien obbligat jiffirma qabel is-6.00 p.m. – ma osservax il-parametri tal-ħin billi ffirma tardivament wara l-ħin fil-21.6.2019, 30.6.2019, 1.7.2019, 2.7.2019, 3.7.2019, 4.7.19, 5.7.2019. 7.7.2019, 8.7.2019, 10.7.2019, 11.7.2019, 12.7.2019, 14.7.2019, 15.7.2019, 17.7.2019, 18.7.2019, 22.7.2019, 24.7.2019, 25.7.2019, 3.8.2019, 4.8.2019, 6.8.2019, 8.8.2019, 9.8.2019 u l-10.8.2019,

Il-Qorti fehmet ukoll li f'dan il-kaz il-kundizzjoni li l-imputat jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta fil-ġranet u ħinijiet indikati fid-digriet relattiv, ġiet aċċettata minnu pjenament għaliex imkien ma jirriżulta li huwa talab il-varjazzjoni ta' din il-kundizzjoni jew ta' xi waħda mill-modalitajiet tagħha. Għall-Qorti dan ifisser li l-imputat aċċetta li l-ħinijiet u ġranet imposti mill-Qorti għall-fini tal-obbligu tal-iffirmar, kienu modalitajiet li huwa ma kellux diffikolta' josservahom minħabba per eżempju, esiġenzi ta' xogħol jew impenni oħra. Konsegwentement, din il-kundizzjoni kellha, flimkien mal-oħrajn imposti fid-digriet, tiġi osservata skrupolożament u *ad litteram* sakemm kienet għadha fis-seħħ.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi d-digriet mogħti fis-16 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, kienet fis-seħħ fil-ġranet li fihom ġie stabbilit li l-imputat naqas milli jimxi mal-obbligu speċifikat fil-kundizzjoni bin-numru 5 tad-digriet, u dan bl-istess mod kif jirriżulta mill-kopja legali tal-imsemmi digriet, esebit fl-atti proċesswali. F'kull każ, l-imputat fl-ebda waqt matul dan il-proċediment, sostna li l-kundizzjoni in diżamina kif jirriżulta mil-kopja legali tad-digriet imsemmi, ma kienetx għadha fis-seħħ jew kienet mibdula fiż-żmien tal-imputazzjoni kif indikat fiċ-Ċitazzjoni.

[3] Għalkemm hu minnu li l-imputat ma rrapportax fl-Għassa tal-Pulizija wkoll fid-19 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2019, huwa kien ipproduċa ċertifikat mediku li jiġġustifika dan in-nuqqas.

Hija wkoll il-fehma tal-Qorti li l-Prosekuzzjoni, permezz ta' kopja legali tad-digriet tas-16 ta' Mejju 2019 awtentikata bil-firma u t-timbru tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat l-imsemmi digriet, liema dokument ġie esebit bix-xhieda ġuramentata tal-istess Uffiċjal Prosekutur li mexxa l-prosekuzzjoni f'din il-kawża kif ukoll fil-proċeduri li fihom l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest permezz tad-digriet tas16 ta' Mejju 2019, ressqet provi biżżejjed fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, tal-kundizzjonijiet li kienu imposti fuq l-imputat għall-fini tal-ħelsien mill-arrest kif ukoll tal-fatt li dawk il-kundizzjonijet kienu għadhom *in vigore* fiż-żmien tal-ksur tal-kundizzjoni bin-numru 5 tal-istess digriet.

Stabbilit dan kollu, l-imputat għandu jinstab ħati li kkommetta r-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 meta ripetutament naqas milli josserva l-kundizzjoni li jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn joqgħod jiġifieri fl-Għassa tal-Belt, Valletta kuljum bejn 8.00 a.m. u 6.00 p.m.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva li filwaqt illi l-iskop ewlieni tal-imposizzjoni ta' kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest huwa proprju biex jigi żgurat li l-imputat jidher għall-awtorita` tal-Qorti kull meta jiġi notifikat biex jagħmel dan, u sabiex jiġi assigurat ukoll kemm jista' jkun illi ma jkunx hemm intralċ tal-provi, huwa meħtieġ ukoll illi anke l-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-ħelsien mill-arrest li l-imputat ikun obbliga ruħu li joqgħod għalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appożita, jiġu osservati skrupolożament.

Il-Qorti diġa' kellha okkażjoni, anke f'din l-istess kawża, li tirrimarka li l-obbligu li l-imputat li jingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija perjodikalment (u b'modalitajiet li jiddependu fuq in-natura u ċ-ċirkostanzi tar-reat li jkun mixli bih), huwa wieħed mhux biss leġittimu iżda huwa wkoll evidentement meħtieġ għall-garanzija bażilari tad-dehra tal-imputat għall-proċess. Dan qed jingħad għaliex apparti l-fatt li din il-kundizzjoni tassigura li l-imputat jista' jiġi notifikat biex jidher f'każ ta' diffikolta' fl-eżekuzzjoni tan-notifika, hija meħtieġa wkoll biex jiġi

assigurat il-moniteraġġ effettiv tal-movimenti tiegħu biex ma jinħebiex jew jallontana ruħu mill-pajjiż. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li kundizzjoni bħal din hija effettivament waħda mill-iktar kundizzjonijiet ċentrali għall-ħelsien mill-arrest bil-konsegwenza li fih innifsu, in-nuqqas ta' tħaris ta' dan l-obbligu kif imfassal fid-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest, ma jistax jitqies li huwa ksur ta' ftit portata jew wieħed negliġibbli. **Iżda fl-istess ħin, huwa imperattiv ukoll li jinżamm bilanċ fis-sens illi l-piena konsegwenzjali għall-ksur tal-kundizzjonijiet tkun proporzjonata għall-ksur stabbilit: dan ifisser li l-qies ta' serjeta' li jingħata lill-ksur ta' kundizzjoni bħal din, jeħtieġ li jiġi gradwat skont il-frekwenza u x-xorta tan-nuqqas biex, per eżempju, tardivita' diversament minn nuqqas assolut ta' rapportar, tiġi meqjusa b'inqas severita' fl-iskala tal-gravita' tal-ksur ta' dik il-kundizzjoni**.

Għall-fini tal-piena il-Qorti kkunsidrat il-fatt illi kif ingħad, in-nuqqas tal-imputat li jiffirma entro l-parametri tal-ħin stabbilit fid-digriet, għalkemm dan in-nuqqas kien wieħed ripetut, m'huwiex nuqqas ta' gravita' assoluta għaliex f'dawk l-okkażjonijiet, **l-imputat dejjem iffirma biss ftit minuti wara l-ħin stabbilit**. Huwa minnu li n-nuqqas assolut tal-imputat li jirrapporta fl-Għassa huwa wieħed gravi, iżda l-Qorti qieset li dan in-nuqqas ma seħħx b'mod daqshekk frekwenti. Meħud qies ukoll tal-fatt li hemm qbil li l-imputat ġie liberat mill-akkużi addebitati lilu fil-proċess kriminali fejn ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif ukoll tal-fatt li - skont kif ġie sottomess mill-Prokseuzzjoni u d-difiża waqt it-trattazzjoni finali - fi żminijiet iktar reċenti l-imputat jidher li miexi fit-triq it-tajba u waqqaf negozju tiegħu nnifsu, il-Qorti hi tal-fehma li ma għandhiex tordna l-konfiska tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fl-intier tiegħu, iżda biss in parti. Inoltre, f'dawn iċ-ċirkostanzi, m'hijiex sejra tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għar-ri arrest tal-imputat. Wara kollox, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni u d-difiża jaqblu illi l-imputat kien ġie eventwalment liberat mill-akkużi li ġie mixli bihom fil-proċess fejn ingħata l-ħelsien mill-arrest permezz tad-digriet tas-16 ta' Mejju 2019.

In konklużjoni u għall-preċiżjoni l-Qorti tinnota li għalkemm fiċ-Ċitazzjoni ġie indikat li l-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest huwa ta' ħamest elef Euro, dan mhux korrett għaliex mid-digriet Dok. JS2 jirriżulta li l-ammont stabbilit huwa ta' tliet elef Euro (€3,000) kif del resto ġie indikat f'ċifri minnufih wara l-kliem "ħamest elef Euro".

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil KEITH GRAVINA ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah għaxart (10) ijiem priġunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi ż-żmien kollu li l-ħati ikun inżamm fil-ħabs għar-reat li tiegħu qed jiġi misjub ħati llum u kkundannat, għandu jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt u għall-fini ta' din is-sentenza.**

**Għar-raġunijiet diġa' mfissrin f'din is-sentenza, filwaqt li tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati, tordna illi tiġi konfiskata s-somma ta' tliet mitt Euro (€300) mill-ammont stabbilit fid-digriet tas-16 ta' Mejju 2019 li bih il-ħati ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**